MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2011

Numru. 527/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**KONTRA**

**ROBERT ATTARD ta’ 27 sena, iben George u Maria Rosario nee’ Richmond, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-15.11.1983, residenti fil-fond numru 9, Triq Saura, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 586783M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **ROBERT ATTARD** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta’ Gunju, 2007 u matul ix-xahar qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-usu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-interrogatorju fejn l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 8).

Semghet ix-xhieda prodotti.

Ghalhekk l-Ispettur Pierre Grech xehed illi fuq informazzjoni dwar attivita' tad-droga, saret Inkjesta li giet ezebita. Robert Attard l-imputat gie arrestat, mitkellem, u ghalhekk giet ezebita d-debita stqarrija Dok RA folio 19 – 21. Gew ezebiti minnu diversi cellulari (mobile phones).

Silvana Magri xehdet illi kienu (hi u zewgha) krew flat gewwa San Pawl lill-imputat – dan b'kuntratt ta' sitt xhur. Qalet illi dejjem kien Robert (l-imputat) li kien ihallasha. Qalet ukoll illi Attard kien qallha li l-flat krewh grupp ta' hbieb, dan nonostante li kien dejjem Attard li hallasha u li kienet taf lilu biss.

PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed dwar ghassa li kienu bhala Drug Squad qeghdin jaghmlu gewwa San Pawl – hemm osservaw lill-imputat hiereg mill-flat (li fuqu ddeponiet ix-xhud Silvana Magri.) Xehed illi kellhom search warrant. Ra lill-imputat hiereg b'Isuzu Gemini. Il-pulizija haduh, darba li waqqfuh, fil-flat ta' San Pawl – hemm fuq is-sodda kien hemm kaxxa tal-hadid fejn kien hemm zewg boroz kbar b'sustanza kannella suspettata eroina. Sabu wkoll borza ohra bi trab abjad, kif ukoll mizien relatat mad-droga. Minn jeddu l-imputat qal lill-pulizija li kellu 5 grammi coke.

PC 1319 Matthew Xuereb ikkonferma l-istess search u sejbien. Qal ukoll illi l-imputat, ghalkemm qal illi l-fond kien mikri lilu u lil shabu, zied illi l-affarijiet li sabu kienu tieghu.

Godwin Sammut ikkonkluda:

*a. Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 426_07_01 u 426_07_02 instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 117.87 grammi u l-purita' kienet ta' circa 36%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b. Illi fuq swabs mehuda mill-aluminium foil li hemm fid-dokument 426_06_06 u 426_06_13 instabet is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*c. Illi fuq swab mehuda mill-mizien ta' lewn iswed li hemm fid-dokument 426_07_03, instabu tracci ta' eroina u kokaina. Il-mizien jahdem;*

*d. Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 426_07_04, 426_07_05 u 426_07_11 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 4.76 grammi u l-purita' kienet ta' circa 31%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*e. Illi fuq swabs mehuda mix-xafra, hadida u l-imgharfa li hemm fid-dokument 426_07_04 u fuq estratt mehud mill-ilma li kien hemm fil-flixkun li hemm fid-dokument 426_07_16 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

PS 1086 Johann Micallef xehed ukoll dwar il-fatt illi l-imputat kien rah hiereg minn blokka flats gewwa San Pawl. Meta gie mwaqqaf hu wiegeb lill-pulizija li kien ghadu gej mill-Marsa. Innega li kien hareg minn xi flat. Fuqu kellu diversi cwievet, illi l-imputat insista li kienu tal-Marsa. Pero meta l-pulizija ppruvaw ic-cwievet fil-flat, fethu l-bieb ta' barra tal-flats ta' San Pawl. Xehed ukoll dwar l-affarijiet relatati mad-droga fl-istess appartament, cioe' boroz bi trab kannella suspettati eroina, borza b'kantuniera bi trab abjad suspettat kokaina.

PC 1213 Carlos Axisa xehed li fuq struzzjoni ta' l-Ispettur Pierre Grech, saret tfittxija ghand l-imputat Robert Attard gewwa l-flat f'San Pawl, St Publius Street. Hemm instabu zewg boroz bi trab kannella suspettati kokaina, u nstabu xi affarijiet skondtu, ohra relatati mad-droga.

In kontro ezami xehed illi l-imputat kien qallhom li l-fond kien okkupat minn aktar minn persuna wahda.

Rat ir-relazzjoni ta' Joseph Mallia, inkarigat minn din il-Qorti biex jaghmel ezami komparattiv bejn il-lifters misjuba fuq l-oggetti elevati mill-flat (ara relazzjoni tas-SOCO Dok PF folio 71 et seq) ma' l-impronti digitali u tal-palma ta' l-id ta' l-imputat, li rrizulta fin-negattiv.

Rat il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, a folio 184.

Rat ukoll l-istqarrija ta' l-imputat, li pero l-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu taghha, in kwantu l-iskorta ta' decizjonijiet mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana, fit-tehid ta' l-istess meta l-imputat ma jkunx assistit minn Avukat anke f'dak l-istadju, aktar u aktar dan meta l-istess imputat ghazel illi minn jeddu jiehu l-pedana.

Hawn qal illi hu fiz-zmien ta' l-allegati reati in dezamina kellu tlieta u ghoxrin sena. Qal illi minn dak iz-zmien 'l hawn kien dahal il-habs u anke ghamel programm mal-Caritas, u li kellu jiggradwa f'Lulju ta' din is-sena.

Xehed illi minhabba ommu u missieru li kienu ffissati fuqu, hu flimkien ma' shabu kienu krew flat fejn kienu jghixu sitt ihbieb. Xehed illi dak iz-zmien kien bil-ghaqal, pero spicca anke tkecca mix-xoghol. Qal illi l-flat kienu zammewh bejn tlieta, kienu jmorru jiehdu d-droga. Qal illi droga kien jiehu kemm kien ikollu flus, bejn 2 – 3 grammi eroina kuljum.

Dwar il-flat qal illi kien juza dak li lahaq faddal u gieli anke talab lill-familja tieghu biex jaghtuh xi haga tal-flus.

Dwar il-gurnata li gie arrestat, qal illi kien ghamel lejl jabbuza mid-droga, imbaghad gie arrestat. Kien flimkien ma' habib tieghu, li mieghu kien qed jabbuza d-droga fil-flat koncernat.

Spjega li fil-kmamar tas-sodda kien joqghod kulhadd, kif ukoll illi f'dan il-flat hadd ma kien izomm hwejjeg, ghax il-post kienu juzawh biss purament biex jiehdu d-droga.

Dwar id-droga u l-affarijiet relatati li nstabu qal illi dawn kienu taghhom it-tlieta, cioe' ta' dawk li kienu ghadhom jikru l-appartament.

Spjega li wiehed minnhom kien sab id-droga bi prezz tajjeb, ghalhekk kienu ftehmu li johorgu l-flus u jixtru minnha. Sehmu kien ta' Lm500.00. Xehed illi din inxtrat bejn it-tlieta kemm huma.

F'dan l-istadju tax-xhieda ta' l-imputat, l-Avukat Difensur ghazel illi jaqra l-istqarrija ta' l-imputat.

Hawn ammetta li kien jabbuza kemm mill-eroina, kif ukoll meta jkollu flus anke mill-kokaina. Qal illi f'dan iz-zmien ma kellux flus biex jixtri karozza. Qal illi l-kmamar li nstabet id-droga fihom kienu ta' kulhadd, li hadd ma kien jorqod hemm u li hadd ma kellu kamra tieghu. Qal illi hu qatt ma biegh droga, tant illi lanqas karozza ma kellu. Qal illi kien qal fil-bidu li d-droga kienet kollha tieghu biex ma jdahhalx lil shabu fl-inkwiet. Qal illi ma kienx hu li kien xtara d-droga, pero hu flimkien ma' tnejn ohra kienu hargu l-flus ghaliha. Wiegeb illi kienet inxtrat kollha f'daqqa. Qal ukoll illi flus tal-kera wkoll kienu johorguhom bejn tlieta, pero illi l-flat kien fuqu u kien imur ihallsu hu, mentri shabu (it-tnejn l-ohra) kienu jibqghu fil-karozza. Spjega wkoll illi qabel il-flat kien mikri bejn sitta, u li kienu jmorru hemm jaraw xi DVD, pero meta bdew jabbuzaw mid-droga zammewh dawk it-tlieta li kienu qed jabbuzaw.

Qal illi ghad-droga kollha hallsu Lm1,500.00 bejn tlieta.

Baqa' nsistenti in kontro ezami li ma riedx jizvela minn shabu l-ohrajn, parti mit-tlieta, dan ghaliex fi kliemu ma riedx li jisfrattalhom il-familji taghhom u anke ghaliex dawn fi kliemu kienu rabbew l-ghaqal.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser terga' taghmel referenza ghal dak illi gia' inghad fuq il-valur probatorju ta' l-istqarrija kif giet michuda. Pero f'dan il-kaz kien l-Avukat Difensur innifsu, li ben konxju tas-sitwazzjoni stabbilita fil-gurisprudenza nostrana, ghazel illi l-imputat jikkonferma l-kontenut ta' l-istess stqarrija. Fil-fatt dan gara ghaliex fil-maggoranza, dak illi l-imputat qal a tempo vergine fl-istqarrija (mehuda taht il-procedura bla assistenza legali), rega' rrepeta viva voce quddiem din il-Qorti.

Kardinalment l-imputat insista li d-droga kienet mixtrija bejn tlieta versu l-prezz ta' Lm500.00 kull wiehed, almenu dak kien sehmu; illi l-appartament kienu juzawh dawn it-tlieta biex hemm jabbuzaw id-droga, dan nonostante l-fatt illi l-flat kien jithallas bejniethom it-tlieta.

Ikkunsidrat:

Rat ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proceduri ngabu diversi xhieda, fosthom John Agius (Caritas), John Testa (Probation Services), li ghajr ghal mishap wiehed qalu illi l-imputat fi hdan il-programm, ghamel passi pozittivi hafna, tant illi ggradwa b'success.

Rat ukoll ir-relazzjoni redatta mit-Tabib Dr Mario Scerri, Dok MS folio 88, relazzjoni mitluba biex turi l-lezjonijiet fuq il-persuna ta' l-imputat, u jigi stabbilit jekk dawn il-lezjonijiet kinux relatati mal-abbuz tad-droga. Ikkonkluda Dr Mario Scerri li l-lezjonijiet li kellu fuqu l-imputat kienu karatteristici f'persuni li jabbuzaw mid-droga.

Rat ukoll l-akkuzi dedotti, ikkunsidrat ukoll dak illi ghazel li jixhed viva voce l-imputat, anke li ghazel minn jeddu li jikkonferma l-istqarrija minnu rilaxxata. Ghaldaqstant, ikkunsidrat illi certament l-imputat kellu fil-pussess tieghu kemm id-droga eroina kif ukoll kokaina, dan il-pussess ex admissis ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, anzi kien jaqsmu fil-flat ta' San Pawl ma' tnejn ohra minn shabu. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis pruvat il-pussess hekk imsejjah aggravat – ghalhekk tqis illi pruvati l-ewwel zewg akkuzi, u dan wara li rat l-Artikoli tar-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 22(2)(b)(i) tal-

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regoli mahsuba fil-GN 292.1939.

Dwar il-piena, rat ukoll kif gia’ premess il-progress illi ghamel l-imputat fil-mori ta’ dawn il-proceduri, ghalhekk tqis illi stante dan il-progress ghandha tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs u ghal hlas ta’ multa ta’ €2,000.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali ghall-ammont ta’ €1,077.74.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u oggetti maghha relatati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------